

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/439

tat-3 ta' Marzu 2021

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 215/2014 fir-rigward taż-żieda ta' objettiv tematiku ġdid man-nomenklatura tal-kategoriji ta' intervent għall-FEŻR, għall-FSE u għall-Fond ta' Koeżjoni fil-qafas tal-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 96(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2014 <sup>(2)</sup> jstabbilixxi n-nomenklatura tal-kategoriji ta' intervent għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi.
- (2) L-Artikolu 92b(9) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif emendat bir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> jstabbilixxi l-objettiv tematiku ġdid "Trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija", li fil-qafas tiegħu għandha tingħata l-għajnuna mir-riżorsi addizzjonali mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru. Minħabba ż-żieda ta' dak l-objettiv tematiku, jenħtieġ li t-Tabella 5 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 215/2014 tiġi emendata skont dan.
- (3) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Koordinament għall-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej,

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd fir-rigward ta' metodoloġiji tal-appoġġ għat-tibdil fil-klima, id-determinazzjoni tal-istadji importanti u l-miri fil-qafas tal-prestazzjoni u n-nomenklatura ta' kategoriji ta' intervent għall-Fondi ta' Investment Strutturali Ewropej (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 65).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fit-Tabella 5 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 215/2014, tiżdied ir-ringiela li ġeja:

“13 – Trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u t-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---